



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/0281(COD)

30.5.2012

EMENDI 10 - 28

Abbozz ta' opinjoni
Birgit Schnieber-Jastram
(PE485.893v01-00)

dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS Unika);

Proposta għal regolament
(COM(2011)0626 – C7-0339/2011 – 2011/0281(COD))

AM\903342MT.doc

PE489.685v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM_Com_LegOpinion

Emenda 10
Franziska Keller
fisem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Ir-riforma għandha tiżgura li, f'konformità mal-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-oġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, inklużi dawk approvati fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, jiġu meqjusa mill-PAK. Miżuri meħuda minn dan ir-Regolament la għandhom jipperikolaw id-dritt ta' popli u ta' stati sovrani li demokratikament jiddeterminaw il-politiki agrikoli u tal-ikel tagħhom stess u lanqas jipperikolaw il-kapaċità ta' produzzjoni tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel fuq perjodu ta' żmien twil ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari pajjiżi anqas żviluppati (LDCs), u tali miżuri għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-impenji tal-Unjoni dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Or. en

Emenda 11
Franziska Keller
fisem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(34) Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-frott u l-ħxejjex

(34) Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-frott u l-ħxejjex

għandha tqis bis-sħiħ l-aspetti ta' tħassib dwar l-ambjent, inklużi l-prattiki ta' kultivazzjoni, l-immaniġġjar tal-materjali tal-iskart u r-rimi ta' prodotti rtirati mis-suq, partikolarment fir-rigward tal-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma, iż-żamma tal-bijodiversità u l-manutenzjoni tal-kampanja.

għandha tqis bis-sħiħ l-aspetti ta' tħassib dwar l-ambjent, inklużi l-prattiki ta' kultivazzjoni, l-immaniġġjar tal-materjali tal-iskart u r-rimi ta' prodotti rtirati mis-suq, partikolarment fir-rigward tal-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma, iż-żamma tal-bijodiversità u l-manutenzjoni tal-kampanja. ***Għandha tingħata prijorità lill-prodotti tal-kummerċ ġust.***

Or. en

Emenda 12

Franziska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 83

Test propost mill-Kummissjoni

(83) Wara li tintemm is-sistema ta' kwoti, ikunu għadhom meħtieġa strumenti speċifiċi biex jiġi żgurat bilanċ ġust ta' drittijiet u obbligi bejn l-impriżi taz-zokkor u dawk li jkabbru l-pitravi. Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet standard li jirregolaw il-ftehimiet ta' bejniethom.

Emenda

(83) Wara li tintemm is-sistema ta' kwoti, ikunu għadhom meħtieġa strumenti speċifiċi biex jiġi żgurat bilanċ ġust ta' drittijiet u obbligi, ***trasparenza fil-formazzjoni tal-prezz u arranġamenti kuntrattwali ġusti*** bejn l-impriżi taz-zokkor u dawk li jkabbru l-pitravi ***speċjalment mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.*** Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet standard li jirregolaw il-ftehimiet ta' bejniethom.

Or. en

Emenda 13

Carlos Coelho

Proposta għal regolament

Premessa 84 a (ġdida)

(84a) Sabiex tippermetti l-fatturi speċifiċi tas-settur taz-zokkor, il-Kummissjoni għandha tiżgura bilanċ ġust bejn id-drittijiet u l-obbligi ta' produtturi taz-zokkor u tiggarrantixxi li l-partijiet interessati kollha jista' jkollhom aċċess għal materja prima fuq bażi ugwali.

Or. pt

Ġustifikazzjoni

L-OKS Unika jeħtieġ tqis l-interessi tal-partijiet konċernati differenti tas-settur taz-zokkor, jiġifieri il-produtturi tal-pitravi, il-proċessaturi, il-produtturi tal-isoglucose u r-raffineriji 'full time' tal-kannamieli

Emenda 14

Franziska Keller, Norbert Neuser, Åsa Westlund

Proposta għal regolament

Premessa 94

(94) Suq uniku jinvolvi sistema ta' negozjar fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Dik is-sistema ta' negozjar għandha tinkludi dazji ta' importazzjoni u rifużjonijiet ta' esportazzjoni u għandha, fil-prinċipju, tistabbilizza s-suq tal-Unjoni. Is-sistema ta' negozjar għandha tkun ibbażata fuq l-impenji aċċettati skont iċ-Ċiklu tal-Urugwaj ta' negozjati kummerċjali multilaterali u fi ftehimiet bilaterali.

(94) Suq uniku jinvolvi sistema ta' negozjar fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Dik is-sistema ta' negozjar għandha tinkludi dazji ta' importazzjoni u **għal perjodu limitat, għandha tkompli tinkludi**, rifużjonijiet ta' esportazzjoni u għandha, fil-prinċipju, tistabbilizza s-suq tal-Unjoni. Is-sistema ta' negozjar għandha tkun ibbażata fuq l-impenji aċċettati skont iċ-Ċiklu tal-Urugwaj ta' negozjati kummerċjali multilaterali u fi ftehimiet bilaterali, **u tikkunsidra l-oġettivi u l-impenji ta' żvilupp tal-Unjoni lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll l-impenn tad-dikjarazzjoni ministerjali tal-WTO tal-2005 dwar il-qerda tal-forom kollha ta' sussidji tal-esportazzjoni sal-2013.**

Emenda 15
Franziska Keller, Norbert Neuser

Proposta għal regolament
Premessa 105

Test propost mill-Kummissjoni

(105) Is-sistema ta' dazji doganali tagħmilha possibbli li ma jintużawx il-miżuri l-oħra kollha ta' protezzjoni fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Is-suq intern u l-mekkaniżmu doganali jistgħu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jirriżultaw inadegwati. F'każijiet bħal dawn, biex is-suq tal-Unjoni ma jitħalliex mingħajr difiża kontra t-taqlib li jista' jinqala', l-Unjoni għandha tkun tista' tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa mingħajr dewmien. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu konformi mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni.

Emenda

(105) Is-sistema ta' dazji doganali tagħmilha possibbli li ma jintużawx il-miżuri l-oħra kollha ta' protezzjoni fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Is-suq intern u l-mekkaniżmu doganali jistgħu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jirriżultaw inadegwati. F'każijiet bħal dawn, biex is-suq tal-Unjoni ma jitħalliex mingħajr difiża kontra t-taqlib li jista' jinqala', l-Unjoni għandha tkun tista' tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa mingħajr dewmien. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu konformi mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni ***u mal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp.***

Emenda 16
Franziska Keller, Norbert Neuser, Åsa Westlund

Proposta għal regolament
Premessa 107

Test propost mill-Kummissjoni

(107) Dispożizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni lil pajjiżi terzi, ibbażati fuq id-differenza bejn prezzijiet fl-Unjoni u dawk fuq is-suq dinji, u li jkunu fil-limiti stabbiliti skont l-impenji magħmulin fid-WTO, għandhom iservu biex jissalvagwardjaw il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-kummerċ internazzjonali f'ċerti prodotti li jaqgħu fl-

Emenda

(107) Dispożizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni lil pajjiżi terzi, ibbażati fuq id-differenza bejn prezzijiet fl-Unjoni u dawk fuq is-suq dinji, u li jkunu fil-limiti stabbiliti skont l-impenji magħmulin fid-WTO, għandhom iservu biex jissalvagwardjaw il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-kummerċ internazzjonali f'ċerti prodotti li jaqgħu fl-

ambitu ta' dan ir-Regolament. L-esportazzjoni ssussidjata għandha tkun suġġetta għal limiti f'termini ta' valur u kwantità.

ambitu ta' dan ir-Regolament. L-esportazzjoni ssussidjata għandha tkun suġġetta għal limiti f'termini ta' valur u kwantità ***u ma għandhiex tipperikola l-kapaċità ta' produzzjoni tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel fuq perjodu twil tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għandhom jitneħħew gradwalment sal-2013 f'konformità mad-dikjarazzjoni ministerjali tal-WTO tal-2005.***

Or. en

Emenda 17
Gesine Meissner

Proposta għal regolament
Premessa 107

Test propost mill-Kummissjoni

(107) Dispożizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni lil pajjiżi terzi, ibbażati fuq id-differenza bejn prezzijiet fl-Unjoni u dawk fuq is-suq dinji, u li jkunu fil-limiti stabbiliti skont l-impenji magħmulin fid-WTO, għandhom iservu biex jissalvagwardjaw il-parteciġazzjoni tal-Unjoni fil-kummerċ internazzjonali f'ċerti prodotti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. L-esportazzjoni ssussidjata għandha tkun suġġetta għal limiti f'termini ta' valur u kwantità.

Emenda

(107) Dispożizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni lil pajjiżi terzi, ibbażati fuq id-differenza bejn prezzijiet fl-Unjoni u dawk fuq is-suq dinji, u li jkunu fil-limiti stabbiliti skont l-impenji magħmulin fid-WTO, għandhom iservu biex jissalvagwardjaw il-parteciġazzjoni tal-Unjoni fil-kummerċ internazzjonali f'ċerti prodotti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. L-esportazzjoni ssussidjata għandha tkun suġġetta għal limiti f'termini ta' valur u kwantità. ***Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għandhom jitneħħew gradwalment sal-2016.***

Or. en

Emenda 18
Åsa Westlund, Norbert Neuser

**Proposta għal regolament
Premessa 136 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(136a) Sabiex tkun żgurata l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, ebda rifużjonijiet tal-esportazzjoni ma għandhom jingħataw għall-esportazzjoni lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw. Sakemm it-tneħħija gradwali tkun realment finalizzata, l-Unjoni ma għandhiex tuża s-sussidji ta' esportazzjoni għal esportazzjoni lejn il-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDC) u tal-AKP.

Or. en

**Emenda 19
Franziska Keller**
fisem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament
Parti 1 – artikolu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 2a

Koerenza tal-politika għall-iżvilupp

F'konformità mal-Artikolu 208 tat-TFUE, l-oġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, inklużi dawk approvati fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u f'organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, għandhom jiġu kkunsidrati fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Miżuri meħuda skont dan ir-regolament la għandhom jipperikolaw id-dritt tal-popli u ta' stati sovrani biex demokratikament jiddeterminaw il-politiki agrikoli u tal-ikel tagħhom stess u l-anqas jipperikolaw l-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel u tas-sikurezza tal-ikel fuq perjodu twil ta' żmien ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari ta' pajjiżi anqas żviluppati (LDCs) Barra minn hekk dawn

il-miżuri għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-impenji tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Or. en

Emenda 20

Franziska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Parti 2 – artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta jkunu qed ifasslu l-istrategġiji tagħhom, l-Istati Membri għandhom jagħmlu lista ta' prodotti mis-setturi tal-frott u l-ħxejjex, tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati, u tal-banana li għandhom ikunu eliġibbli skont l-iskemi rispettivi tagħhom. Madankollu, din il-lista m'għandhiex tinkludi prodotti esklużi minn miżuri adottata mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont il-punt (a) tal-Artikolu 22(2)(a). L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-prodotti tagħhom abbażi ta' kriterji oġġettivi li jistgħu jinkludu l-istaġjonalità, id-disponibbiltà tal-prodott jew l-aspetti ta' tħassib dwar l-ambjent. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza lil prodotti li joriġinaw fl-Unjoni.

Emenda

3. Meta jkunu qed ifasslu l-istrategġiji tagħhom, l-Istati Membri għandhom jagħmlu lista ta' prodotti mis-setturi tal-frott u l-ħxejjex, tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati, u tal-banana li għandhom ikunu eliġibbli skont l-iskemi rispettivi tagħhom, ***b'kunsiderazzjoni partikolari għall-prodotti tal-kummerċ ġust.*** Madankollu, din il-lista m'għandhiex tinkludi prodotti esklużi minn miżuri adottata mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati skont il-punt (a) tal-Artikolu 22(2)(a). L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-prodotti tagħhom abbażi ta' kriterji oġġettivi li jistgħu jinkludu l-istaġjonalità, id-disponibbiltà tal-prodott jew l-aspetti ta' tħassib dwar l-ambjent. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza lil prodotti li joriġinaw fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 21

Franziska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Parti 3 – artikolu 118 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi li jidderivaw mil-liċenzja, l-effetti legali tagħha, it-tolleranza fir-rigward tat-tħaris tal-obbligu li ssir importazzjoni jew esportazzjoni, u l-indikazzjoni tal-orġini u l-provenjenza fejn dak ikun obligatorju;

Emenda

(a) tiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi li jidderivaw mil-liċenzja, ***inkluża l-evidenza li l-esportazzjoni ma jkollha ebda effett dannuż fuq il-produtturi lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw***, l-effetti legali tagħha, it-tolleranza fir-rigward tat-tħaris tal-obbligu li ssir importazzjoni jew esportazzjoni, u l-indikazzjoni tal-orġini u l-provenjenza fejn dak ikun obligatorju;

Or. en

Emenda 22

Franziska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Parti 3 – artikolu 120 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ma taċċettax il-kwantitajiet li għalihom issir applikazzjoni; and

Emenda

(b) ma taċċettax il-kwantitajiet li għalihom issir applikazzjoni ***f'każ li l-prodott ikollu effetti dannużi fuq il-produtturi lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw***; and

Or. en

Emenda 23

Franziska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Parti 3 – artikolu 131 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Miżuri ta' salvagwardja jistgħu jittieħdu minn pajjiżi terzi meta esportazzjonijiet mill-Unjoni joħlqu riskju għall-konsumaturi lokali u għas-

*sigurtà tal-ikel f'pajjiżi li qed jiżviluppaw
f'konformità mal-impenn tal-Unjoni
għall-koerenza tal-politika għall-iżvilupp.*

Or. en

Emenda 24
Franziska Keller
fisem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Parti 3 – artikolu 136 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Sabiex tkun żgurata l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp u billi hemm ir-riskju li l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat tkun ta' dannu għall-produtturi lokali, ebda rifiżjoni ta' esportazzjoni ma għandha tingħata għall-esportazzjoni lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw. Sakemm it-tneħħija gradwali tkun realment finalizzata, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 160 ta' dan ir-regolament biex tiddefinixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' rifiżjonijiet ta' esportazzjoni għal esportazzjoni lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Or. en

Emenda 25
Franziska Keller, Norbert Neuser, Åsa Westlund

Proposta għal regolament
Parti 5 – artikolu 157 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan id-

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan id-

dokument, biex timmonitorja, tanalizza u timmaniġġja s-suq ta' prodotti agrikoli, tiggarrantixxi t-trasparenza tas-suq, il-funzjonament sewwa ta' miżuri tal-PAK, tiċċekkja, tikkontrolla, timmonitorja, tevalwa u tawditja miżuri tal-PAK, timplimenta ftehimiet internazzjonali, inklużi rekwiżiti ta' notifika skont dawk il-ftehimiet, il-Kummissjoni tista', skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2, tadotta l-miżuri meħtieġa fir-rigward ta' komunikazzjonijiet li jkollhom isiru minn impriżi, mill-Istati Membri u/jew minn pajjiżi terzi. Waqt li tagħmel dan, għandha tqis il-ħtiġijiet *tad-dejta* u s-sinerġiji bejn l-għejun potenzjali tad-dejta.

dokument, biex timmonitorja, tanalizza u timmaniġġja s-suq ta' prodotti agrikoli, tiggarrantixxi t-trasparenza tas-suq, il-funzjonament sewwa ta' miżuri tal-PAK, tiċċekkja, tikkontrolla, timmonitorja, tevalwa u tawditja miżuri tal-PAK, timplimenta ftehimiet internazzjonali u ***koerenza tal-politika għall-iżvilupp***, inklużi rekwiżiti ta' notifika skont dawk il-ftehimiet, il-Kummissjoni tista', skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2, tadotta l-miżuri meħtieġa fir-rigward ta' komunikazzjonijiet li jkollhom isiru minn impriżi, mill-Istati Membri u/jew minn pajjiżi terzi. Waqt li tagħmel dan, għandha tqis il-ħtiġijiet *tad-data* u s-sinerġiji bejn l-għejun potenzjali tad-dejta, ***b'kunsiderazzjoni wkoll għal data minn pajjiżi terzi.***

Or. en

Emenda 26

Franziska Keller, Norbert Neuser, Åsa Westlund

Proposta għal regolament

Parti 5 – artikolu 159 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-faċiltà tal-ikel fil-każ ta' prezzijiet għolja tal-ikel fuq livell globali u r-riskju ta' ġuħ fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Or. en

Emenda 27

Franziska Keller, Norbert Neuser, Åsa Westlund

Proposta għal regolament

Parti 6 – artikolu 165 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***2a. L-Artikoli 133 u 141 għandhom
japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2013.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rifużjonijiet ta' esportazzjoni huma strument ċar ta' distorsjoni tal-kummerċ. Minkejja r-restrizzjoni konsiderevoli mill-UE fis-snin reċenti fir-rigward ta' dan l-istrument, l-użu possibbli tiegħu għandu jipperikola produtturi vulnerabbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Ir-Regolament tal-PAK għandu jstabbilixxi data ċara għat-twaqqif totali ta' dan l-istrument ta' politika.

Emenda 28
Gesine Meissner

Proposta għal regolament
Parti 6 – artikolu 165 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***2a. L-Artikoli 133 u 141 għandhom
japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2016.***

Or. en